294

**L-Onor. Jason Azzopardi jipproponi:**

Peress li fis-Seduta Nru 289 tal-21ta 'Jannar 2020 ingħata *Ruling* minn Mr Speaker li fih iddeċieda li diskors tal-Onor. Azzopardi tal-5 ta 'Jannar 2020 fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista f'Hal Tarxien kien fih kliem li kien jammonta għal *prima facie* ksur ta 'privileġġ taħt l-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, Kap.113;

Peress li l-Onor. Azzopardi huwa aggravat minn tali *Ruling* għal diversi raġunijiet, kemm ta 'natura fattwali u anke ta 'natura ta 'Liġi, apparti l-implikazzjonijiet serji li dan ir-*Ruling* għandu fuq l- imminar tal-eżerċizzju tad-dritt fundamentali tal-espressjoni politika f'pajjiżna mill-Membri Parlamentari f'materja ta 'gravità nazzjonali;

Peress illi hu dmir ta 'kull Membru Parlamentari, iktar u iktar tal-Oppożizzjoni, li jżomm taħt skrutinju għemil il-Gvern u l-membri tiegħu, liema skrutinju ma jiswa xejn jekk ma jiġix imħares id- dritt fundamentali tal-espressjoni politika ta 'kull Membru Parlamentari;

Peress illi d-dritt fundamentali tal-espressjoni politika ta 'Membru Parlamentari huwa ogħla minn kull Ordni Permanenti li ma jistgħux jintużaw jew jiġu interpretati biex jidfnu jew jirreprimu tali dritt fundamentali, liema dritt fundamentali la jingħata mis-Sedja u lanqas jittieħed mis-Sedja;

Peress li hu inkonċepibbli li s-Sedja tiċċensura dak li jinkiteb jew jintqal minn Membru Parlamentari barra mill-Kamra, iktar u iktar meta l-liġijiet tal-pajjiż joffru rimedju għal min iħossu malafamat u m'għandux il-faħam miblul;

Peress li kulma għamel l-Onor. Jason Azzopardi, u li s-Sedja iċċensurat, huwa li rrepeta fil-pubbliku dak li ġie rrappurtat fil-pubbliku kemm-il darba fil-media b'diversi rapporti tal-agir, imgieba u fatti rigward l-istess Onor Cardona fil-kariga Ministerjali li kien jokkupa liema fatti u agir qatt ma gew la michuda jew spjegati mill-istess Onor Cardona;

Peress li persuna, iktar u iktar meta huwa fatt, u mhux spekulazzjoni, li tkun Ministru, li tiehu gurament falz, tizzabel fi briedel meta suppost ikun fuq xoghol Ministerjali, tberbaq u tabbuza mill-fondi pubblici, ma taghtix rendikont ghall-infiq minn fondi pubblici, tghix hajja li l-mezzi dikjarati taghha ma jippermettuhiex u li huwa hobza u sikkina ma' persuni midhla

fid-dinja tal-kriminalita organizzata, inkluz ma' mandanti f'assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, iva jissejjah li huwa giddieb u huwa korrott u huwa dritt u dmir ta' kull Membru Parlamentari li dan l-agir jiccensurah;

Peress li bl-imsemmi *Ruling*, is-Sedja, bi preċedent perikoluż, arrogat lilha nnifisha d-dritt li tiċċensura, ixxekkel u ssikket id-dibattitu politiku li jseħħ barra mill-Kamra f'materja li m'għandha ebda impatt fuq ix-xogħol parlamentari u b'hekk effettivament saret l-argużin u l-keffiena tad- dibattitu politiku, minflok irrikonoxxiet li kien hemm u għad hemm liġijiet li Membru Parlamentari jista 'jagħmel użu minnhom għal rimedju fil-Qrati tagħna jekk iħoss li jkun ġie inġurjat;

U peress li l-Ordni Permanenti numru 62 jipprovdi li kull Membru jkun jista 'b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta 'dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal- iSpeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*Ruling* tal-iSpeaker li ngħata fis-Seduta Numru 289 nhar 21 ta'Jannar 2020 dwar *diskors pubbliku* tal-Onor. Jason Azzopardi għandu jiġi rivedut u jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

23.01.2020